IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 12.1.2011
KUMM(2011) 11 finali

# STĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR

## ANNESS 1

## RAPPORT TA' PROGRESS DWAR L-EWROPA 2020

**STĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR**

**ANNESS 1**

## RAPPORT TA' PROGRESS DWAR L-EWROPA 2020

Il-preżentazzjoni ta' dan l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tal-ewwel "Semestru Ewropew", tasal f'mument deċiżiv għall-Unjoni Ewropea. Wara sentejn, bil-mod il-mod l-Ewropa tinsab ħierġa mir-riċessjoni. Kull ma jmur l-irkupru aktar qiegħed jissaħħaħ u jżid fir-ritmu, għalkemm għad fadal inċertezzi dwar is-swieq sovrani u s-settur finanzjarju għadu jinsab fil-proċess li jitfejjaq u li jiġi rriformat.

Hekk kif il-prospetti jibdew jitjiebu, jasal il-waqt għal azzjoni ta' politika ddeterminata. Il-fatt li l-Ewropa tinħareġ mill-kriżi qatt ma kien ifisser li nerġgħu lura għal xenarju fejn qisu qatt ma kien xejn. Il-kriżi ħarġet fid-dieher id-dgħufijiet fundamentali tal-ekonomija Ewropea u żvelat żbilanċi interni li qegħdin jikbru. Irkupru msejjes fuq tkabbir sostenibbli u li joħloq aktar impjiegi ser ikun possibbli biss jekk jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali u l-Ewropa tkun tista' tuża l-kriżi biex twettaq trasformazzjoni profonda tal-istruttura ekonomika tagħha.

Madanakollu, filwaqt li l-Ewropa kkontrollat u assorbiet l-impatt tal-kriżi relattivament aħjar minn partijiet oħra tad-dinja, hemm ir-riskju li r-ritmu tal-irkupru tagħha minn dan l-inkwiet globali jkun aktar batut. Il-kriżi kompliet taggrava d-differenzi fil-produttività tax-xogħol mal-Istati Uniti. Il-kompetittività fil-prezzijiet u fil-kosti għandha problematika. L-ekonomiji emerġenti qegħdin jerġgħu jaraw tkabbir b'ritmu aktar mgħaġġel minn tal-UE għalkemm xi wħud minnhom qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi ekonomiċi ukoll.

Ewropa 2020 hija l-aġenda li l-UE u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li "*[jgħinu] lill-Ewropa tirkupra mill-kriżi u toħroġ minnha aktar b'saħħitha, kemm internament kif ukoll fil-livell internazzjonali*"[1]. Biex tinħareġ mill-kriżi l-Ewropa teħtieġ programm ikkoordinat u komprensiv ta' riformi, li jkopru l-konsolidazzjoni fiskali, ir-ritorn għal kundizzjonijiet makroekonomiċi tajbin filwaqt li dawk il-miżuri li jsaħħu t-tkabbir jittieħdu f'fażi bikrija.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom fuq spallejhom ir-responsabbiltà kollettiva li jwettqu r-riformi strutturali meħtieġa – u diffiċli – li huma pprojjettati lejn il-futur fl-istess ħin li jirranġaw is-sitwazzjoni fiskali tagħhom u jreġġgħu lura kundizzjonijiet makroekonomiċi b'saħħithom.

Jeħtieġ li l-Ewropa ssaħħaħ il-koordinazzjoni tar-riforma u tal-politiki ekonomiċi biex tiżgura li l-aġġustament makroekonomiku, il-konsolidazzjoni fiskali u r-riformi tal-politiki jimxu tassew id f'id. Filwaqt li l-konsolidazzjoni fiskali hija prerekwiżit essenzjali għat-tkabbir, waħedha din mhijiex biżżejjed biex jiġi xprunat it-tkabbir. Fin-nuqqas ta' politiki proattivi, x'aktarx li t-tkabbir potenzjali jibqa' dgħajjef fl-għaxar snin li ġejjin. It-tkabbir ser jiddependi b'mod kruċjali fuq x'ambjent ser isibu l-industrija u n-negozji, partikolarment l-SMEs. Mingħajr tkabbir, il-konsolidazzjoni fiskali ser toffri sfida akbar.

1 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 17 ta' Ġunju 2010.

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010 introduċa l-kunċett ta' "Semestru Ewropew", li jgħaqqad flimkien l-iżviluppi fil-qasam tal-politika makroekonomika u r-riformi strutturali taħt l-istrateġija Ewropa 2020. Is-"Semestru Ewropew" huwa perjodu ta' żmien fl-ewwel nofs ta' kull sena fejn jikkonverġu l-Istati Membri li jirrapportaw f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u skont l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Istati Membri jingħataw gwida u rakkomandazzjonijiet ta' politika qabel ma jiffinalizzaw il-baġits nazzjonali tagħhom. Dan ser isaħħaħ id-dimensjoni ex ante tal-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politika ekonomika fl-UE, u jwassal sabiex il-benefiċċji ta' aġenda komuni fil-livell tal-UE jitlaqqgħu ma' azzjoni fuq bażi speċifika għall-Istati Membri fil-livell nazzjonali. B'dan il-mod, l-UE tkun tista' tieħu tagħlimiet f'waqthom minn żviluppi nazzjonali filwaqt li l-Istati Membri jinkorporaw il-perspettiva u l-gwida Ewropej fil-politiki nazzjonali tagħhom għas-sena ta' wara.

F'dan iċ-ċiklu ġdid ta' koordinazzjoni tal-politika, kull sena l-Kummissjoni ser tippreżenta, fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, il-valutazzjoni tagħha dwar l-isfidi ekonomiċi ewlenin li tkun qiegħda tħabbat wiċċha magħhom l-UE u tirrakkomanda azzjoni prijoritarja biex jiġu indirizzati. Fuq il-bażi ta' dan il-kontribut, il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ser jagħti l-gwida tiegħu dwar l-isfidi ewlenin 'il quddiem. Filwaqt li jikkunsidraw din il-gwida, l-Istati Membri mbagħad iħejju l-istrateġiji baġitarji tagħhom fuq terminu medju ta' żmien fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom, u jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 u biex jindirizzaw it-tfixkil għat-tkabbir fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Iż-żewġ dokumenti jitressqu flimkien sa nofs April. Fl-aħħar stadju tas-"Semestru", qabel is-sajf il-Kunsill joħroġ gwida għall-politika speċifika għal kull pajjiż fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni. B'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu dawn il-kontribuzzjonijiet meta jkunu qegħdin iħejju l-baġits tagħhom għas-sena ta' wara.

F'dan l-ewwel "Semestru Ewropew", l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir jiffoka fuq messaġġi ewlenin dwar azzjonijiet li għandhom jiġu indirizzati b'mod prijoritarju mill-Istati Membri. L-analiżi li tirfed il-messaġġi tiġi stabbilita fi tliet rapporti ta' akkumpanjament.

## 1. INIZJATTIVI BIKRIJA LI JSAĦĦU T-TKABBIR

***Azzjoni fil-livell tal-Istati Membri hija kruċjali biex jiġi evitat "xenarju ta' deċennju mitluf"...***

L-istħarriġ tas-sitwazzjoni makroekonomika u tas-suq tax-xogħol madwar l-UE juri li l-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu azzjoni fl-2011 u fl-2012 biex jevitaw li t-tkabbir tagħhom ikun wieħed kajman u nieqes mill-impjiegi ("ix-xenarju tad-deċennju mitluf)". L-aktar kompitu urġenti huwa li jinkiser iċ-ċiklu vizzjuż ta' dejn insostenibbli, id-diżintegrazzjoni fis-swieq finanzjarji u t-tkabbir ekonomiku baxx li jinsabu għaddejja minnhom xi Stati Membri. L-ewwel prijorità hija li l-politiki baġitarji jitreġġgħu lura fit-triq it-tajba filwaqt li jitħarsu l-politiki li jsaħħu t-tkabbir, u li s-settur finanzjarju ma jdumx ma jitfejjaq biex tkun tista' tinqabad it-triq tal-irkupru. It-tieni prijorità hija t-tnaqqis rapidu fil-qgħad u d-dħul fis-seħħ ta' riformi effettivi fis-suq tax-xogħol biex ikunu jistgħu jinħolqu aktar imjiegi ta' kwalità aħjar. L-indirizzar ta' dawn il-prijoritajiet ser iħalli effett biss jekk dan jintrifed minn sforz maġġuri li, fl-istess ħin, jagħti imbuttatura lit-tkabbir.

Ir-riformi ta' suċċess ser ikunu dawk li jtejbu l-funzjonament tas-swieq tal-impjiegi u tal-prodotti, li jistimulaw l-innovazzjoni u jtejbu l-kundizzjonijiet qafas tan-negozju fl-Ewropa. Dan ser jiġbed aktar investiment mis-settur privat, li min-naħa tiegħu ser itejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi. Fuq in-naħa tas-suq tax-xogħol, l-isforzi tar-riforma għandhom jiffokaw fuq l-indirizzar tal-parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol minn ċerti gruppi u l-funzjonament

batut tas-suq tax-xogħol. Dawn il-politiki jħallu wkoll impatt pożittiv fuq il-konsolidazzjoni baġitarja, billi jeġġeneraw dħul fiskali ogħla u jnaqqsu n-nefqa pubblika fuq trasferimenti soċjali, filwaqt li jgħinu biex inaqqsu r-riskju ta' żbilanċi makroekonomiċi fil-ġejjieni. Ir-riformi strutturali jistgħu jiġġeneraw vantaġġi sinifikanti saħansitra fuq żmien qasir. Iż-żidiet fil-produzzjoni u fir-rata ta' persuni jaħdmu huma xprunati minn titjib fil-kundizzjonijiet qafas, u minn riformi fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol.

***Għandhom jiġu mmobilizzati inizjattivi ewlenin u l-influwenza tal-UE għas-sostenn tal-isforzi nazzjonali***

L-azzjonijiet fil-livell tal-UE ser jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tat-tkabbir b'modi intelliġenti, sostenibbli u inklużivi. Il-Kummissjoni fasslet aġenda ambizzjuża, li għandha titwettaq permezz ta' seba' inizjattivi ewlenin u kif ukoll azzjoni parallela fuq politiki orizzonali li jsostnu l-istrateġija.

Il-Kummissjoni ppreżentat seba' inizjattivi ewlenin stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020[2]. Kull waħda minn dawn l-Inizjattivi ewlenin ser tindirizza kwistjonijiet speċifiċi u fiha miżuri mmirati lejn oqsma ta' politika speċifiċi. L-importanza reali tagħhom tinsab fil-fatt li huma konnessi mill-qrib filwaqt li jagħtu appoġġ reċiproku. Għadaqstant, uħud mill-miżuri ewlenin, bħal ma hi l-ħtieġa għal sistema ġdida ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, huma rilevanti għal inzijattivi ewlenin differenti - f'dan l-eżempju, l-Unjoni ta' Innovazzjoni, il-Politika Industrijali u l-Aġenda Diġitali.

It-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 tiddependi wkoll fuq il-mobilizzazzjoni u l-konċentrazzjoni effettivi tal-istrumenti u l-għodod kollha tal-UE biex jiġu megħjuna r-riformi. Għal dan il-għan, l-Istrateġija ssejjaħ għal azzjoni li ssaħħaħ is-suq uniku, il-baġit tal-UE u l-għodod għal azzjoni ekonomika esterna u għat-tħejjija tagħhom għat-twettiq tal-għanijiet tal-Ewropa 2020:

– F'konformità ma' dan l-impenn, il-Kummissjoni nediet dibattitu f'rabta mal-Att dwar is-Suq Uniku li ser jitfassal fil-futur, u biex jingħata nifs ġdid lis-suq uniku u jintużaw għejun ġodda ta' tkabbir[3];

– Il-Komunikazzjoni dwar "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE" tistabbilixxi orjentazzjonijiet ġenerali u l-għazliet possibbli dwar kif il-baġit tal-UE jkun jista' jipprovdi għajnuna għall-ksib tal-għanijiet tal-Ewropa 2020, li jirriflettu aħjar il-prijoritajiet tal-Istrateġija fil-politiki ta' nfiq tal-UE[4];

– Fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni dwar "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija: Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020", tistabbilixxi kif il-politika tal-kummerċ u l-investiment tista' tkun mutur ewlieni li jwassal għat-tkabbir[5].

***Il-prijoritajiet tat-tkabbir fil-livell tal-UE***

L-Istrateġija Ewropa 2020 tippreżenta firxa wiesgħa ta' riformi integrati tal-politiki li għandhom jiġu implimentati fis-snin li ġejjin. Sabiex tindirizza b'mod effettiv l-iskala u l-urġenza tal-isfida tal-aċċelerazzjoni tal-irkupru ekonomiku u tal-ħolqien tal-impjiegi jeħtieġ

---

2 Aġenda Diġitali għall-Ewropa (COM(2010) 245 finali/2, 19.5.2010), Żgħażagħ Mobbli (COM(2010) 477, 15.9.2010), Unjoni ta' Innovazzjoni (COM(2010) 456, 6.10.2010), Politika Industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni (COM(2010) 614, 27.10.2010) Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi. Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi (COM(2010) 682, 23.11.2010), Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-Koeżjoni Soċjali u Territorjali (COM(2010) 758, 15.12.2010). L-Inizjattivi marbuta ma' "Ewropa b'użu effiċjenti ta' riżorsi" ser tiġi ppreżentata sa tmiem Jannar tal-2011.

3 "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" - COM(2010) 608, 27.10.2010.

4 "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", COM(2010) 700, 19.10.2010.

5 "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija: Il-Politika tal-Kummerċ bħala Element Prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020 - COM(2010) 612, 9.11.2010.

li, fl-2011 u l-2012, l-isforzi tal-UE jkunu kkonċentrati fuq l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri li l-aktar jistgħu jkunu ta' sostenn għall-azzjonijiet ta' riforma tal-Istati Membri, li ma jeħtiġux investimenti pubbliċi kbar u li jħallu l-akbar impatt fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tiffoka fuq għadd ta' miżuri prioritarji fil-livell tal-UE għat-tisħiħ tat-tkabbir. Dawn il-miżuri, magħżula minn politiki fl-inizjattivi ewlenin, għandu jkollhom benefiċċji ekonomiċi ċari fuq żmien qasir u medju u jkun possibbli li jiġu adottati relattivament malajr. Fost l-oħrajn, prijorità minnhom għandha tkun dik li s-Suq Uniku jidħol fi stadju ġdid billi jsir użu mill-potenzjal sħiħ tas-settur tas-servizzi, billi jinġibed kapital privat għall-finanzjament ta' kumpaniji innovattivi li qegħdin jikbru b'ritmu mgħaġġel, bl-immodernizzar tal-iffisar ta' standards u ta' sistemi ta' proprjetà intellettwali, u l-ħolqien ta' aċċess kosteffikaċi għall-enerġija. Il-Kummissjoni ser tipproponi wkoll miżuri fil-qasam tal-VAT, bażi komuni u kkonsolidata tat-taxxa tal-kumpaniji u tassazzjoni tal-enerġija biex jittejjeb l-ambjent tat-taxxa tan-negozji, il-ġlieda kontra t-tassazzjoni doppja u l-ksib ta' riżultati b'rabta mal-aġenda tal-UE dwar il-klima u l-enerġija.

L-importanza tas-setturi tas-servizzi nfushom, u bħala dawk li jikkontribwixxu għal setturi oħrajn, twassal sabiex suq intern aktar b'saħħtu fil-qasam tas-servizzi jkun l-ixprun ewlieni għat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi fl-ekonomiji tal-UE. L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi ser iżżid il-kompetizzjoni, timmodernizza l-qafas regolatorju u tagħti spinta lil riformi strutturali sinfikanti. Għandha tittieħed azzjoni ulterjuri biex is-suq intern għas-servizzi jitfannad aktar.

Dawk il-miżuri li jippromwovu akkwist pubbliku aktar miftuħ u effiċjenti jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tas-settur pubbliku b'mod sostanzjali u jrawmu l-kompetizzjoni fis-swieq rilevanti. L-użu effiċjenti tal-iffrankar li jirriżulta jista' jħalli benefiċċji makroekonomiċi konsiderevoli. L-aċċess aħjar għas-swieq ta' akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi wkoll jista' jipproduċi vantaġġi addizzjonali fl-Ewropa.

Infrastruttura aħjar fil-qasam tal-enerġija sostenibbli, tat-trasport u tat-teknoloġija tal-informazzjoni (partikolarment it-teknoloġija ta' frekwenza wiesgħa) tista' tgħin fil-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi, f'konformità mal-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fuq perjodu twil ta' żmien. Minn din il-perspettiva, l-użu ta' finanzjament innovattiv fosthom proġetti ta' bonds tal-UE jista' jikkontribwixxi għall-aġġustament tal-kapaċità tal-ekonomija.

Fil-livell mikroekonomiku, it-tisħiħ tal-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport u f'dak tal-enerġija jista' jwassal għal effiċjenza ekonomika b'riżultat tal-introduzzjoni ta' fornituri ġodda u prezzijiet orħos, u użu aktar razzjonali ta' xogħol u kapital permezz tal-innovazzjoni. Fil-livell makroekonomiku, dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal żieda fl-attività ekonomika billi l-vantaġġi li jinkisbu fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija jistgħu jinfirxu fil-bqija tal-ekonomija. U dan għar-raġuni li l-kontribut ta' dawn iż-żewġ setturi jolqot il-kosti ta' produzzjoni ta' attivitajiet oħrajn b'mod sinifikanti.

L-industrija u l-manifattura għadhom sors maġġuri għall-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku tas-settur privat u jipprovdu l-maġġorparti tal-esportazzjonijiet tal-UE. L-irkupru tagħhom huwa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku. Fl-istess ħin, suq uniku li jiffunzjona tajjeb fl-oqsma tal-prodotti ambjentali u fis-servizzi joffri opportunitajiet maġġuri għat-tkabbir, l-innovazzjoni u l-impjiegi.

F'dak li għandu x'jaqsma mal-iffissar ta' standards, huwa fundamentali li l-azzjoni li tittieħed, anke fil-livell globali, issir mill-ewwel u bi prjorità. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tipproponi miżuri biex tgħaġġel u timmodernizza l-iffissar ta' standards fl-Ewropa, inkuż

għall-ICT. Din hija sfida tassew partikolari fir-rigward tal-ICT, li huwa qasam interkonness u li jevolvi b'ritmu mgħaġġel. Il-Kummissjoni ser tiżviluppa wkoll standards speċifiċi għall-UE kollha kemm hi biex tgħin fil-ksib ta' suq għal prodotti u teknoloġiji b'użu effiċjenti ta' riżorsi u b'livell baxx ta' karbonju.

Biex tiffaċilita t-tranżazzjonijiet transkonfinali fis-Suq Uniku, fl-2011 l-Kummissjoni ser tippreżenta wkoll strument legali, li jkun faċli għall-utent, dwar il-Liġi Kuntrattwali Ewropea li tista' tintgħażel min-negozji u l-konsumaturi għat-tranżazzjonijiet tagħhom fis-Suq Uniku, u kif ukoll regolament li ser jissimplifika l-irkupru transkonfinali ta' dejn, fosthom permezz ta' qbid bankarju. Dan kollu għandu jgħin biex tingħeleb is-sitwazzjoni ta' bħalissa fejn huwa biss 37% tad-dejn transkonfinali li qiegħed jiġi rkuprat fl-UE.

Biex issolvi s-sitwazzjoni kurrenti fejn il-kontenut disponibbli onlajn mhux dejjem ikun jista' jiġi aċċessat b'mod legali bejn fruntiera u oħra tal-UE, il-Kummissjoni ser tressaq qafas Ewropew għall-proprjetà intellettwali li, b'mod partikolari, ser jagħti spinta lill-kummerċ elettroniku u lill-industriji diġitali.

Fir-rigward tal-aċċess għal finanzi, speċjalment għall-SMEs u għal negozji innovattivi ġodda, pakkett ta' miżuri bħall-passaport tal-kapital ta' riskju bil-għan li jegħleb it-tfixkil transkonfinali, fosthom l-ostakli tat-taxxa li joħorġu minn regolamenti nazzjonali diverġenti, jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-kosti tal-finanzjament ta' negozji ġodda permezz ta' primjums b'anqas riskju u b'hekk titrawwem l-innovazzjoni. Il-Kummissjoni ser tindirizza wkoll il-kwistjoni li l-UE tattira aktar investituri barranin fit-tul.

## 2. L-EWWEL PASSI BIEX JINTLAĦQU L-MIRI TAL-ISTRATEĠIJA EWROPA 2020

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju tal-2010, li adotta l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-ħames għanijiet ewlenin tal-UE, għamel sejħa lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni issa "*biex jimplimentaw dawn il-prijoritajiet ta' politika fil-livell tagħhom. Huma għandhom, fi djalogu mill-qrib mal-Kummissjoni, jiffinalizzaw rapidament il-miri nazzjonali tagħhom, b'kont meħud tal-pożizzjonijiet inizjali relattivi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, u skont il-proċeduri nazzjonali tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Huma għandhom ukoll jidentifikaw l-ostakli prinċipali għat-tkabbir u jindikaw, fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, kif biħsiebhom jindirizzawhom*".

Fil-ħarifa tal-2010 l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, wettqu ħidma biex jistabbilixxu miri nazzjonali u biex jiżviluppaw strateġiji għall-implimentazzjoni tagħhom. Huma ġew mistiedna biex sa nofs Novembru jippreżentaw abbozz tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma ("PNR), u jindikaw il-miri nazzjonali previsti u r-riformi meħtieġa biex jintlaħqu dawn il-miri filwaqt li jitneħħew l-ostakli għat-tkabbir. Il-fatt li kull Stat Membru jistabbilixxi l-livell ta' ambizzjonijiet tiegħu nnifsu fir-rigward tal-miri globali tal-Ewropa 2020, huwa element importanti ta' din l-istrateġija, li jiżgura li l-miri nazzjonali jkollhom "appartenenza politika", jiġifieri jkunu suġġetti għal dibattitu politiku intern.

Bl-eċċezzjoni ta' żewġ Stati Membri, l-Istati Membri l-oħrajn kollha stabbilixxew miri nazzjonali għalihom infushom. F'xi każijiet, huma ppreżentaw biss miri provviżorji jew għanijiet kwalitattivi. Aktar minn hekk, meta titqies in-natura preliminari tar-riflessjoni, xi miri jiġu abbozzati bħala meded jew bħala "miri minimi" msejsa fuq politiki kurrenti.

Għalkemm ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni miċ-ċifri preliminari mogħtija fl-abbozzi ta' PNR, jistgħu jiġu identifikati xi xejriet ta' rilevanza ġenerali. Hemm ir-riskju ta' livelli

relattivament baxxi ta' ambizzjoni fl-iffissar ta' miri nazzjonali u ta' enfasi eċċessiva fuq terminu qasir ta' żmien. B'hekk tispiċċa ma tingħatax biżżejjed attenzjoni għat-tfassil ta' trajjettorji ta' riforma li jkopru l-perjodu kollu sal-2020. L-iskop ta' dawn il-miri mhuwiex biss wieħed numeriku – dawn qegħdin hemm biex jiġi ġġenerat momentum fejn kull Stat Membru jikkommetti ruħu biex jagħmel mill-aħjar biex jikseb progress li jista' jitkejjel f'oqsma ewlenin li huma mqassra mill-ħames miri ewlenin. F'bosta mill-każijiet, l-aggregazzjoni tal-miri nazzjonali provviżorji turi li l-UE għad jonqosha biex tilħaq il-miri ewlenin tal-UE li ntlaħaq ftehim dwarhom mill-Kunsill Ewprew. Il-fatt li xi Stati Membri jistgħu jsibuha diffiċli li jintrabtu b'impenji ambizzjużi f'perjodu ta' inċertezzi ekonomiċi huwa komprensibbli. Madanakollu, fil-loġika ta' Programmi Nazzjonali ta' Riforma fit-tul, huwa importanti li tinqabad triq li tqis iċ-ċirkostanzi ta' bħalissa, iżda wkoll li timmira li tikseb ir-riżultati sa tmiem il-perjodu. Filwaqt li tirrikonoxxi li din hija l-ewwel sena ta' approċċ ġdid u kif ukoll l-isfidi partikolari għal ħafna mill-Istati Membri li jżidu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom fi żmien ta' konsolidazzjoni fiskali, il-Kummissjoni tipproponi li fl-2014 tagħmel analiżi ta' nofs it-terminu. Dan ser jippermetti li l-UE tanalizza r-raġunijiet dwar jekk ikunx jista' jinkiseb il-livell ta' progress mixtieq u li tieħu miżuri addozzjonali jekk ikun meħtieġ.

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-abbozzi tal-miri nazzjonali kif inhuma llum, ippreżentati f'tabella bħala anness. Sa April tal-2011, l-Istati Membri huma kollha mistennija li jippreċiżaw il-miri nazzjonali, li jkopru l-ħames miri ewlenin tal-UE. Mis-sena d-dieħla, l-"Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir" ser iwettaq monitoraġġ aktar mill-qrib tal-progress li jinkiseb fl-ilħuq tal-miri ewlenin, u ser jirrapporta dwar il-miri nazzjonali ffinalizzati.

## 2.1. L-Impjiegi

Il-mira ewlenija tal-UE hija rata ta' impjieg ta' 75% fost in-nisa u l-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 sena sal-2020, li għandha tinkiseb permezz ta' parteċipazzjoni akbar taż-żgħażagħ, ħaddiema iktar adulti u ħaddiema b'kapaċitajiet relattivament baxxi u kif ukoll l-integrazzjoni aħjar ta' migranti legali. Il-parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol hija waħda mill-aktar dgħufijiet li l-Ewropa ilha tiffaċċja. Qabel il-kriżi, ir-rati ta' impjieg tal-Ewropa kienu diversi punti perċentwali aktar baxxi minn dawk tal-Istati Uniti u tal-Ġappun. Il-kriżi wasslet għal żieda drammatika tar-rata tal-qgħad, fl-istess ħin li t-tibdil demografiku qiegħed jhedded li jkompli jnaqqas mill-forza tax-xogħol li hija disponibbli. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tħalli impatt sinifikanti fuq it-tkabbir ġejjieni tal-Ewropa.

L-analiżi tal-abbozz tal-PNR turi li xi Stati Membri involvew ruħhom sew fil-ksib ta' dawn il-miri u fil-biċċa l-kbira tagħhom bdew jindirizzaw id-diffikultajiet fis-suq tax-xogħol. Bosta Stati Membri għażlu li juru mira, iżda diversi pajjiżi pproponew medda ġenerali, jiġifieri l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, l-Italja u s-Slovakkja. Il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit għadhom ma stabbilixxew l-ebda mira nazzjonali uffiċjali. Il-miri pproposti jinsabu fil-medda ta' bejn it-62.9% (Malta) u t-80% (l-Isvezja).

Jekk l-Istati Membri kollha jkunu fil-pożizzjoni li jilħqu l-mira nazzjonali li ddikjaraw sal-2020, jew inkella jilħqu l-aktar valur baxx fil-medda tal-mira, ir-rata medja ta' impjieg fost l-Istati Membri li stabbilixxew mira nazzjonali tkun tilħaq it-72.4%. Jekk l-Istati Membri jirnexxielhom jilħqu l-aktar valur għoli fil-medda tal-mira, ir-rata medja tal-impjieg fl-UE tilħaq it-72.8%. Fi kliem ieħor, fuq il-bażi tal-miri nazzjonali ta' impjieg ta' bħalissa, b'mod ġenerali l-UE ma tilħaqx il-mira ta' 75% b'bejn 2.2 u 2.6 punti perċentwali.

## 2.2. Ir-Riċerka u l-Iżvilupp

Kemm fil-livell ta' riżorsi investiti, partikolarment riżorsi mis-settur privat, u l-effikaċja tal-infiq, l-Ewropa għada ferm wara l-Istati Uniti u ekonomiji avvanzati oħrajn. Tali differenza

tolqot il-perspettivi tat-tkabbir b'mod negattiv, partikolarment għas-setturi li fihom l-akbar potenzjal ta' tkabbir. Il-mira tal-Ewropa 2020 tirrekjedi li jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, bil-għan li l-livell aggregat tal-investiment privat u pubbliku jilħaq tal-anqas it-3% tal-PDG.

Il-ġbir tal-miri nazzjonali provviżorji kollha jindika livell aggregat ta' 2.7 jew 2.8% tal-PDG, li jaqa' taħt il-mira mistennija ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp li tammonta għal 3% tal-PDG, iżda li xorta waħda jirrappreżenta sforz sinifikanti, partikolarment fil-kuntest baġitarju ta' bħalissa. Xi Stati Membri ħadu passi biex iżidu l-investiment pubbliku fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-edukazzjoni b'mod sinifikanti għaliex jirrikonoxxu li dawn l-investimenti ser iwasslu għal tkabbir fil-ġejjieni. Xi Stati Membri indikaw miri għoljin li madanakollu huma realistiċi, minkejja d-diffikultà li jikkommettu ruħhom fir-rigward tal-komponent privat fl-ilħuq tal-mira fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

Aspett ieħor relatat mill-qrib mal-prestazzjoni tal-UE fl-innovazzjoni huwa s-sehem fl-ekonomija ta' kumpaniji innovattivi u li qegħdin jikbru b'pass mgħaġġel[6]. Jeħtieġ li l-Istati Membri jibdew jingranaw ir-riformi tagħhom biex jitneħħa t-tfixkil li jolqot it-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi, fosthom billi jittejbu l-kundizzjonijiet qafas u l-aċċess għall-finanzi.

### 2.3. L-azzjoni dwar il-klima u l-politika dwar l-enerġija

Il-ksib ta' tkabbir sostenibbli jfisser li l-Ewropa tiġi ttrasformata f'soċjetà u ekonomija kompetittiva, b'użu effiċjenti ta' riżorsi u b'livell baxx ta' karbonju. Din il-viżjoni tirfed il-mira bi tliet prerogattivi stabbilita fl-Ewropa 2020: it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra b'tal-anqas 20% meta mqabbel mal-livelli tal-1990 jew bi 30%, jekk ikun hemm il-kundizzjonijiet xierqa li jippermettu dan; iż-żieda tal-perċentwal ta' għejun ta' enerġija li tiġġedded fil-konsum tal-enerġija totali tal-UE għal 20%; żieda ta' 20% fl-użu aktar effiċjenti tal-enerġija.

Diġà jeżistu miri nazzjonali fir-rigward tal-għejun ta' enerġija li tiġġedded u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra.

B'rabta mal-użu effiċjenti tal-enerġija, l-analiżi tal-abbozzi ta' PNR turi li, f'dan l-istadju, l-Istati Membri għadhom ma kkommettewx ruħhom totalment għall-ilħuq ta' din il-mira. Xi Stati Membri ma pprovdew l-ebda indikazzjoni dwar din il-mira filwaqt li oħrajn użaw metodoloġiji differenti biex ifissru l-miri nazzjonali tagħhom. Minħabba dawn id-differenzi u wkoll b'riżultat ta' informazzjoni mhux kompluta għalkollox, hija meħtieġa urġentement kjarifika tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu minn kull Stat Membru.

Madanakollu, valutazzjoni preliminari turi li sforzi kumulattivi (li lanqas jilħqu l-10%) jkunu jaqgħu ferm taħt il-mira globali tal-UE għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b'20% sal-2020. Dan huwa fattur inkwetanti għaliex l-użu effiċjenti tal-enerġija huwa l-aktar mod kosteffikaċi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività u biex il-prezz tal-konsum tal-enerġija jkun aktar reġonevoli u kif ukoll biex jinħolqu l-impjiegi. Bl-istess mod, fil-qasam tal-mitigazzjoni tal-klima, il-miżuri eżistenti u dawk ippjanati għadhom mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-2020.

6 Il-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa indikatur bħal dan bħala tweġiba għat-talba tal-Kunsill Ewropew - COM(2010) 546, 6.10.2010, p. 29.

## 2.4. L-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u t-tkabbir tirrekjedi wkoll il-provvista ta' forza tax-xogħol imħarrġa u b'livelli ta' kapaċitajiet għoljin. Popolazzjoni b'kapaċitajiet għoljin hija essenzjali wkoll biex jixxejnu l-isfidi tal-bidla demografika u l-inklużjoni soċjali fl-Ewropa. Għaldaqstant, l-investiment f'edukazzjoni tajba, fit-taħriġ u fit-tagħlim tul il-ħajja huwa dimensjoni prinċipali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

L-Ewropa 2020 tistabbilixxi mira ewlenija b'żewġ prijoritajiet fir-rigward tal-edukazzjoni, jiġifieri li sal-2020 il-popolazzjoni ta' bejn it-18 u l-24 sena li tispiċċa titlaq mill-iskola qabel iż-żmien tkun anqas minn 10% tal-ammont totali ta' persuni f'dan is-segment; u li mill-anqas 40% tal-adulti ta' bejn it-30 u l-34 sena tal-UE jkunu lestew edukazzjoni terzjarja jew l-ekwivalenti tagħha. L-analiżi tal-abbozzi ta' PNR jiżvela li fuq medja tingħata aktar attenzjoni għall-analiżi tal-isfidi kurrenti u s-soluzzjonijiet possibbli milli ma tingħata biex jiġu ddefiniti pjani u miżuri konkreti ta' riforma. Fil-parti l-kbira tal-abbozzi ta' PNR ma joħroġx ċar jekk il-miżuri deskritti tnedewx bħala tweġiba jew jekk tal-anqas humiex aġġustati għall-prijoritajiet tal-Ewropa 2020.

L-abbozzi kollha ta' PNR stabbilixxew miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-għadd ta' persuni li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien u għaż-żieda fl-għadd ta' gradwati fil-livell terzjarju, għajr għar-Renju Unit (li ma stabbilixxa l-ebda mira) u l-Pajjiżi l-Baxxi (li stabbilixxa mira għall-għadd ta' persuni li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien iżda mhux għall-progress fil-livell terzjarju).

Fir-rigward ta' dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien, filwaqt li xi Stati Membri stabbilixxew miri ambizzjużi ferm, jidher li l-isforz globali x'aktarx li jirriżulta li l-Ewropa ma tilħaqx il-mira ta' 10% sal-2020. Bil-miri mressqa fil-abbozzi ta' PNR u mingħajr ma jiġu inklużi dawk il-pajjiżi li għadhom ma ddefinixxew l-ebda mira (ir-Renju Unit għaż-żewġ miri, u l-Pajjiżi l-Baxxi għall-edukazzjoni terzjarja), sal-2020 tinkiseb ir-rata ta' 10.5% ta' persuni li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien u b'hekk ma tintlaħaqx il-mira komuni Ewropea ta' 10%. F'ċifri assoluti dan ikun ifisser li sal-2020 madwar 200 000 żagħżugħ u żagħżugħa Ewropej ikunu telqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom.

Bl-istess mod, il-miri nazzjonali dwar ir-riżultati fl-edukazzjoni terzjarja li tressqu issa mhumiex ser ikunu biżżejjed biex jintlaħaq il-livell globali tal-2020. Bir-riżultat totali dwar l-edukazzjoni terzjarja li mistenni jlaħħaq is-37.3% sal-2020, mhijiex ser tintlaħaq il-mira komuni Ewropea ta' 40%. F'ċifri assoluti dan ikun ifisser li fl-2020 ser ikun hemm madwar 800 000 gradwat terzjarju anqas ta' bejn it-30 u l-34 sena milli kieku tintlaħaq ir-rata ta' 40%.

## 2.5. L-inklużjoni soċjali/il-ġlieda kontra l-faqar

Ma jista' jsir l-ebda tkabbir sostenibbli jekk il-benefiċċji tiegħu ma jilħqux lis-segmenti kollha tas-soċjetà. Madanakollu, matul dawn l-aħħar għaxar snin l-inugwaljanza kompliet tikber madwar l-Ewropa, b'aktar u aktar persuni jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-kriżi ekonomika żiedet b'mod drammatiku l-għadd ta' persuni li waqgħu, jew li jinsabu fir-riskju li jaqgħu, taħt il-livell tal-faqar. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 huwa li tinbidel din ix-xejra filwaqt li jiġi żgurat li t-tkabbir u l-koeżjoni soċjali jimxu id f'id. Il-mira ewlenija tal-UE għandha l-għan li l-għadd ta’ Ewropej li jgħixu taħt il-livell tal-faqar jonqos b’ 25 %, u b’hekk aktar minn 20 miljun ruħ jintrefgħu mill-faqar. Il-mira hija ddefinita

abbażi ta' tliet indikaturi[7] li jirrflettu d-diversi uċuh tal-faqar u l-esklużjoni madwar l-Ewropa. Din testendi l-kunċett oriġinali ta' introjtu relattiv tal-faqar sabiex ikopri d-dimensjoni mhux monetarja tal-faqar u sitwazzjoni ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol. Dan jirrefletti wkoll id-diversità bejn sitwazzjonijiet u prijoritajiet fi Stati Membri differenti.

Analiżi preliminari turi li l-faqar relattiv għadu l-isfida prinċipali fil-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-UE. It-titjib tal-istandards ta' għajxien globali jista' jħalli impatt pożittivi sinifikanti billi jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni f'pajjiżi b'livelli aktar baxxi ta' PDG għal kull ras u b'rati għoljin ta' privazzjoni materjali. Il-ġlieda kontra l-esklużjoni mis-suq tax-xogħol hija prijorità għall-pajjiżi kollha, inkluż għal dawk b'sistemi soċjali żviluppati li joffru protezzjoni relattivment tajba lill-persuni minn introjti li jaqgħu taħt il-livell tal-faqar, li madanakollu ma tantx joffru inċentivi u/jew ftit li xejn jagħtu appoġġ għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jinsabu l-aktar 'il bogħod minnu.

Fl-abbozzi ta' PNR tagħhom, il-maġġoranza tal-pajjiżi stabbilixxew miri, għalkemm dawn għadhom ma jilħqux il-livell ta' ambizzjoni miftiehem mill-Kunsill Ewropew. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri użaw it-tliet indikaturi maqbula biex jiddefinixxu l-mira tal-UE, u b'hekk irrikonoxxew il-ħtieġa għal strateġiji wiesa' biex il-faqar ikun jista' jiġi indirizzat fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Madanakollu, il-livell ta' ambizzjoni għandu jogħla b'mod li jirrefletti l-interazzjoni bejn il-miri, partikolarment ir-rabta bejn il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-faqar. Diversi pajjiżi għadhom anqas biss stabbilixxew il-miri tagħhom. Jeħtieġ li dawn il-pajjiżi jiffinalizzaw dan il-proċess b'urġenza.

## 3. PROGRAMMI NAZZJONALI TA' RIFORMA

### 3.1. Abbozzi ta' Programmi Nazzjonali ta' Riforma

Il-miri tal-Ewropa 2020 jikkostitwixxu element ewlieni fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, li għandhom jirrappreżentaw aġenda tar-riforma aktar wiesgħa u komprensiva. L-Istati Membri kienu mistiedna biex jibagħtu l-abbozzi tagħhom ta' PNR (Programmi Nazzjonali ta' Riforma) sat-12 ta' Novembru 2010 u biex jinkludu l-erba' komponenti fundamentali li ġejjin:

– Xenarju makroekonomiku fuq perjodu medju: Kull abbozz ta' PNR għandu jkun fih xenarju makroekonomiku u għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-ostakoli makrostrutturali li jfixklu t-tkabbir, b'mod partikolari fil-qasam fiskali.

– Il-miri nazzjonali li jirriflettu l-miri ewlenin tal-Ewropa 2020: ħafna mill-abbozzi ta' PNR inkluduhom (ara hawn fuq).

– L-identifikazzjoni tal-ostakoli ewlenin li jfixklu t-tkabbir u l-impjiegi. Ħafna drabi, l-abbozzi ta' PNR kkonfermaw l-ostakoli li jfixklu t-tkabbir li kienu identifikati mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika f'Ġunju 2010 u mill-Kumitat tal-Impjiegi f'Ottubru 2010. F'uħud mill-każijiet, ġew miżjuda xi sfidi addizzjonali.

– Il-miżuri ewlenin għat-twettiq bikri tal-inizjattivi li jsaħħu t-tkabbir. Kważi l-abbozzi kollha ma semmew xejn dwar it-twettiq bikri tar-riformi strutturali li jagħtu spinta lit-tkabbir sostenibbli fuq perjodu medju u dak fit-tul.

---

[7] Ir-rata tar-riskju tal-faqar, privazzjoni materjali severa u persuni li jgħixu f'familji b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol.

L-abbozzi ta' PNR ivarjaw f'termini ta' dettall u ta' grad tat-tħejjija, fejn xi wħud huma aktar kompleti u aktar avvanzati minn oħrajn. B'mod ġenerali, il-pressjonijiet fuq it-tkabbir u x-xogħol potenzjali mhumiex kompletament rikonoxxuti fl-abbozzi ta' PNR. Ix-xenarji makroekonomiċi ppreżentati mill-Istati Membri għandhom tendenza li jkunu ottimisti żżejjed meta mqabbla mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Fl-istess ħin, ix-xenarji tax-xogħol huma pessimisti żżejjed minħabba li huma influwenzati minn fatturi negattivi ta' perjodu qasir. Analiżi preliminari tal-abbozzi ta' PNR turi l-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:

– Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jaffaċċjaw sfidi fiskali sinifikanti billi jnaqqsu l-iżbilanċ strutturali, ibaxxu l-proporzjon tad-dejn li ta' spiss ikun għoli u jikkontrollaw l-ispejjeż li jinħolqu minn popolazzjoni li qed tixjieħ. F'bosta pajjiżi, it-tisħiħ tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi u tal-qafas istituzzjonali permezz ta' kontroll fiskali aħjar jista' jkun ta' għajnuna f'termini ta' sostenibbiltà.

– Ħafna mill-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiżguraw settur finanzjarju stabbli u li jiffunzjona tajjeb, li jkun kapaċi jipprovdi intermedjazzjoni finanzjarja mingħajr l-għajnuna mill-Istat. L-isfidi f'dan il-qasam jinkludu d-dejn eċċessiv tal-familji u l-iżgurar ta' superviżjoni regolatorja effiċjenti u ta' settur bankarju li jiffunzjona tajjeb.

– L-indirizzar tal-kompetittività u tal-iżbilanċi fil-kontijiet kurrenti huwa rilevanti għall-Istati Membri kollha, iżda b'mod partikolari għall-funzjonament bla xkiel tal-UEM. Fi ħdan iż-żona tal-euro, dan jidher permezz ta' azzjonijiet imwettqa biex jitnaqqsu l-iżbilanċi interni taż-żona tal-euro, pereżempju t-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tad-domanda interna, l-aġġustamenti tas-salarji u tal-prezzijiet relattivi, flessibbiltà akbar fis-salarji, u l-allokazzjoni mill-ġdid ta' riżorsi mis-settur mhux kummerċjabbli għas-settur kummerċjabbli.

– L-Istati Membri kollha identifikaw ukoll il-ħtieġa li jtejbu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u/jew il-kundizzjonijiet tal-impjiegi, u li jindirizzaw il-funzjonament batut tas-swieq tax-xogħol u tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' mobilità tal-impjieg u dik ġeografika, in-nuqqas ta' inċentivi għax-xogħol u l-esklużjoni ta' gruppi ta' etajiet differenti.

– Ħafna mill-Istati Membri rrikonoxxew ukoll l-isfidi li jirrigwardaw it-titjib fil-produttività u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni u l-esportazzjonijiet ta' valur miżjud ogħla; dawn jirrigwardaw iż-żieda ta' investimenti fil-kapital, l-iżgurar ta' ambjent regolatorju għan-negozji aktar effiċjenti, l-effiċjenza amministrattiva kif ukoll il-promozzjoni ta' livelli ogħla ta' kompetizzjoni.

– Fl-aħħar nett, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtieġa li jippromwovu l-kapaċità tal-innovazzjoni u li jsaħħu l-investiment fil-kapital uman bil-ħsieb li jkun hemm żieda fil-potenzjal tat-tkabbir u li jitnaqqsu d-diskrepanzi fis-suq tax-xogħol.

Madanakollu, f'dan l-istadju, il-politiki ppreżentati fl-abbozzi ta' PNR għadhom ma pprovdewx reazzjoni ċara għall-isfidi importanti makroekonomiċi u għall-ostakoli fit-tkabbir. L-azzjonijiet ta' politika aktar jirreferu għal mezzi li jkunu jistgħu jintużaw biex jiġu indirizzati l-isfidi milli għal miżuri konkreti. Filwaqt li ġie pprovdut aktar dettall rigward il-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali, ftit li xejn ingħatat attenzjoni lir-riformi strutturali li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir fuq perjodu ta' żmien medju jew fuq tul ta' żmien. Bosta abbozzi ta' PNR jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ppjanati li permezz tagħhom l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Madanakollu, ħafna drabi l-lista ta' miżuri

kienet tinkludi miżuri li diġà ġew implimentati jew miżuri li diġà qegħdin fi stadju avvanzat mhux ħażin. L-azzjoni ta' politika ppjanata ħafna drabi kienet ippreżentata b'mod kemmxejn vag, bi ftit dettalji dwar in-natura preċiża tal-miżuri, iż-żmien allokat għall-implimentazzjoni, l-impatt mistenni, ir-riskju ta' implimentazzjoni parzjali jew li tkun falliet, il-kost baġitarju u dwar l-użu tal-Fondi Strutturali tal-UE. L-eċċezzjoni għal din it-tendenza kienu l-programmi ppreżentati mill-Istati Membri li jirċievu għajnuna finanzjarja, li ppreżentaw miżuri aktar dettaljati.

### 3.2. Kooperazzjoni lejn il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma finali

Iż-żmien bejn il-preżentazzjoni tal-abbozzi u l-PNR finali se jintuża għall-iskambju bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u għal analiżi minn esperti ugwali fil-qasam fi ħdan il-Kunsill. F'Novembru 2010, l-esperti pari fil-qasam tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika analizzaw l-elementi dwar l-impjieg fl-abbozzi ta' PNR u f'Diċembru, il-Kumitat tal-Impjiegi ta ħarsa lejn l-elementi makroekonomiċi f'analiżi orizzontali.

Wara l-adozzjoni ta' dan l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jipprovdi gwida ġenerali għall-Istati Membri biex jiffinalizzaw il-PNR tagħhom, il-Kummissjoni se terġa' tikkuntattja lill-Istati Membri bilateralment sabiex jiddiskutu dwar il-finalizzazzjoni tal-PNR tagħhom fid-dawl ta' din il-gwida u taċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom.

Fl-istess ħin, il-konsultazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu ffinalizzati sabiex tiġi assigurata sjieda b'saħħitha tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jinvolvu fit-tħejjija, kemm atturi politiċi (il-parlamenti nazzjonali, awtoritajiet reġjonali u lokali) kif ukoll l-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra. F'numru limitat biss ta' każijiet l-abbozzi ta' PNR kienu diġà soġġetti għal konsultazzjonijiet fuq livelli differenti. Filwaqt li ċerti Stati Membri indikaw li huma kienu se jidħlu f'konsultazzjonijiet qabel ma jiffinalizzaw il-PNR, ħafna minnhom ma pprovdew l-ebda informazzjoni rigward il-proċess ta' konsultazzjoni tagħhom.

Il-fatt li mhux tingħata biżżejjed attenzjoni lir-riformi strutturali li jkunu jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir fuq perjodu ta' żmien medju u fuq tul ta' żmien, huwa inkwetanti. Fin-nuqqas ta' tali politiki li jsaħħu t-tkabbir, jista' jirriżulta li l-istrateġiji ta' konsolidazzjoni jkunu awtodistruttivi.

L-għan huwa li l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma finali jirriflettu l-programm ta' riforma li jinsab fil-mira, u li jappartjeni lill-Istati Membri u lid-diversi atturi fi ħdan l-Istati Membri, filwaqt li fl-istess ħin ikunu jsegwu ċerti kriterji komuni meħtieġa li jippermettu li jkun hemm sinerġiji u monitoraġġ aħjar. Il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma għandhom b'mod partikolari jipprovdu:

– stimi dwar it-tkabbir potenzjali u effettiv tal-produzzjoni fuq tul ta' żmien medju li jkopru (minn tal-inqas) perjodu ta' erba' snin. Ix-xenarji makroekonomiċi ppreżentati fil-programmi tal-2011 għandhom għalhekk ikopru l-perjodu sal-2014;

– miri ambizzjużi u realistiċi li jkopru l-ħames miri ewlenin tal-UE kollha, akkumpanjati minn trajettorji sal-2020 sabiex jintlaħqu l-miri, u analiżi intermedja fl-2014;

– aktar dettalji dwar il-miżuri għal tul ta' żmien, li jmorru lil hinn minn dawk li diġà qed jiġu mħejjija, inkluż pjan koerenti għar-riforma tas-sistemi ta' riċerka u ta' innovazzjoni, ibbażat fuq l-analiżi tal-punti b'saħħithom u ta' dawk dgħajfa ta' kull Stat Membru[8];

– implikazzjonijiet baġitarji għar-riformi – inklużi, fejn xieraq, indikazzjonijiet aktar ċari dwar il-pjanijiet biex jintużaw il-Fondi Strutturali bil-għan li jingħata appoġġ lill-investiment favorevoli għat-tkabbir u dwar il-progress li jkun sar f'dan ir-rigward fil-livell nazzjonali;

– miżuri bil-għan li jitneħħew l-ostakoli għat-tkabbir, inklużi dettalji dwar iż-żmien allokat, l-effetti mistennija u l-konsegwenzi baġitarji. Dawn għandhom jindirizzaw il-fatturi li jwasslu għat-tkabbir jew il-kundizzjonijiet qafas għat-tkabbir u jistgħu jinkludu pereżempju, il-miżuri li jappoġġjaw is-suq intern, l-ambjent għan-negozji, it-tkabbir u l-internalizzazzjoni tal-SMEs, ir-riformi strutturali fis-swieq tas-servizzi (eż. id-Direttiva dwar is-Servizzi), l-adozzjoni ta' soċjetà u ekonomija diġitali, kundizzjonijiet aħjar tal-konsumatur eċċ. Il-benefiċċji, b'mod partikolari f'termini ta' produttività, li joħorġu mill-adozzjoni aktar ġenerali tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huma magħrufa ferm u għalhekk f'ħafna mill-każijiet, jixraq li jkollhom miżuri ta' politika mmirati;

– informazzjoni dwar l-involviment u l-kontribuzzjonijiet tad-diversi partijiet interessati. F'dan il-kuntest, jixraq li jissemmew ukoll, l-isforzi ta' komunikazzjoni li jqarrbu l-programmi ta' riforma lejn il-partijiet interessati u ċ-ċittadini, kif ukoll il-mekkaniżmi stabbiliti fl-Istati Membri sabiex tiġi kkontrollata l-implimentazzjoni tar-riformi.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Għal dan l-ewwel Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-progress huma ta' sfida partikolari, minħabba li l-Istrateġija Ewropa 2020 daħlet fis-seħħ reċentement ħafna. Fix-xhur ta' wara l-adozzjoni tal-Istrateġija u tal-approvazzjoni tagħha mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2010, l-azzjonijiet meħuda fil-livell tal-UE kienu naturalment jiffokaw fuq l-istabbiliment tal-qafas u fuq it-tnedija tas-seba' inizjattivi ewlenin. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri bdew jieħdu l-ewwel passi sabiex jagħtu bidu għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' riforma tagħhom stess. B'kunsiderazzjoni għan-natura innovattiva tal-ewwel ċiklu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, l-Istati Membri ppreżentaw l-abbozzi ta' Programmi Nazzjonali ta' Riforma, li jindikaw bil-quddiem id-dokumenti finali li għandhom jiġu ppreżentati sa April 2011.

L-analiżi tematika turi li filwaqt li hemm għarfien ġenerali dwar l-urġenza għall-konsolidazzjoni fiskali u dwar il-ħtieġa li jerġa' jkun hemm l-ordni fis-settur finanzjarju u dak bankarju, sar ħafna inqas investiment fid-definizzjoni tar-riformi meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-iżbilanċi u sabiex jerġa' jinbeda t-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol. Dan huwa wkoll il-każ fir-rigward tal-miri nazzjonali preliminari li juru li l-UE aktarx mhux se jirnexxielha tikseb il-miri ewlenin li kienu miftiehma fil-livell tal-UE. Madanakollu, id-dejta preliminari turi li l-lakuni mhumiex daqstant kbar li ma jkunux jistgħu jiġu konklużi minn azzjoni ddeterminata fis-snin li ġejjin. L-aktar ħaġa importanti hija li, sa mill-bidu nett, jiġi ġġenerat

---

8 Sabiex jiġu megħjuna fit-twettiq ta' din l-analiżi, l-Istati Membri qed jiġu inkoraġġuti jużaw l-"għodda għall-awtovalutazzjoni" pprovduta bħala parti mill-Inizjattiva Ewlenija tal-Unjoni għall-Innovazzjoni, COM(2010) 546 (finali)

momentum għall-miri li għandhom jintlaħqu minn kull Stat Membru, ikun x'ikun il-punt inizjali tagħhom. Fix-xhur li ġejjin, jeħtieġ li tingħata prijorità lill-progress fir-riformi strutturali billi tittieħed azzjoni fil-livell nazzjonali u billi jkun hemm twettiq bikri tal-miżuri li jsaħħu t-tkabbir fi ħdan l-inizjattivi ewlenin, f'konformità mal-messaġġi prinċipali ta' dan l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir.

Il-ġestjoni tar-ritorn lejn id-dixxiplina fiskali u l-istabbiltà makroekonomika, flimkien mat-twettiq tar-riformi strutturali, se jkunu t-temi ewlenija tas-"Semestru Ewropew". Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu, il-Kummissjoni se tivvaluta l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà u/jew Konverġenza sa Ġunju 2011 u se tagħmel rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiż lill-Istati Membri, ibbażati fuq il-linji gwida integrati tal-Istrateġija "Ewropa 2020" u se tipprovdi gwida dwar il-politika baġitarja skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir[9]. Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza għandhom jiġu adottati mill-Kunsill f'Lulju 2011. Wara dan, huwa fil-kompitu tal-UE li tirreaġixxi u f'idejn l-Istati Membri biex ibiddlu dawn ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet f'deċiżjonijiet konkreti filwaqt li jistabbilixxu l-baġits nazzjonali tagħhom għall-2012 fit-tieni nofs tas-sena.

[9] Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (2010/410/UE) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (2010/707/UE), li flimkien jiffurmaw il-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija "Ewropa 2020".

## Anness:
## Miri Proviżorji tal-Ewropa 2020[10]

| Abbozz ta' miri tal-Istati Membri | Rata ta' impjieg (f' %) | R&Ż f' % tal PDG | Miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet (imqabbla mal-livelli tal-2005)[11] | Enerġija rinnovabbli | Effiċjenza tal-enerġija – it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija f'Mtoe[12] | Tluq bikri mill-iskola f' % | Edukazzjoni terzjarja f' % | Tnaqqis ta' faqar f'numru ta' persuni[13] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **AT** | 77-78% | 3.76% | -16% | 34% | 7.2 | 9.5% | 38% (inkluż il-livell ISCED 4a, li bħalissa qiegħed madwar 12%) | 235.000 |
| **BE** | 71-74% | 2.6-3.0% | -15% | 13% | L-ebda mira fil-PNR | 9.5-10% | 46-48% | 330.000-380.000 |
| **BG** | 76% | 1.5% | 20% | 16% | 3.2 | 11% | 36% | 260.000 (500.000) |
| **CY** | 75-77% | 0.5% | -5% | 13% | 0.46 | 10% | 46% | 18.000 |
| **CZ** | 75% | 2.70 | 9% | 13% | L-ebda mira fil-PNR | 5.5% | 32% | 30.000 |
| **DE** | 75% | 3% | -14% | 18% | 37.7 | Inqas minn 10% | 42 % (inkluż il-livell ISCED4, li bħalissa qiegħed 11.4 %) | 330.000 (660.000) |
| **DK** | 78.5% | 3% | -20% | 30% | L-ebda mira fil-PNR | Inqas minn 10% | 40% | 22.000 |
| **EE** | 76% | 3% | 11% | 25% | 0.49 (għall-użu finali biss) | 9.5% | 40% | 49.500 |

10 Il-miri nazzjonali finali se jiġu stabbiliti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma f'April 2011.

11 Il-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kif definiti fid-Deċiżjoni 2009/406/KE (jew id-"Deċiżjoni dwar il-Qsim tal-Isforz") jikkonċernaw l-emissjonijiet li mhumiex koperti mis-Sistema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet. L-emissjonijiet koperti mis-Sistema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet se jitnaqqsu b'21 % meta mqabbla mal-livelli tal-2005. It-tnaqqis globali tal-emissjonijiet korrespondenti se jkun ta' -20 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990.

12 Għandu jiġi rrimarkat li t-tbassir nazzjonali jvarja wkoll skont is-sena/snin li fuqha/fuqhom jiġu bbażati l-istimi tal-iffrankar.

13 Kontribuzzjoni stmata għall-mira tal-UE.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **EL** | 70% | 2% | -4% | 18% | 5.4 | 10% | 32% | 450.000 |
| **ES** | 74% | 3% | -10% | 20% | 25.2 | 15% | 44% | L-ebda mira fil-PNR |
| **FI** | 78% | 4% | -16% | 38% | 4.21 | 8% | 42% | 150.000 |
| **FR** | 75% | 3% | -14% | 23% | 43 | 9.5% | 50% | 1 600 000 sal-2015 |
| **HU** | 75% | 1.8% | 10% | 13% | L-ebda mira fil-PNR | 10% | 30.3% | 450.000-500.000 |
| **IE** | L-ebda mira fil-PNR | L-ebda mira fil-PNR | -20% | 16% | 2.75 | 8% | 60% | 186.000 |
| **IT** | 67-69% | 1.53% | -13% | 17% | 27.9 | 15-16% | 26-27% | 2.200.000 |
| **LT** | 72.8% | 1.9% | 17% | 23% | 0.74 (għall-użu finali biss) | 9% | 40% | 170.000 |
| **LU** | 73% | 2.6% | 5% | 11% | 0.19 (għall-użu finali biss) | Inqas minn 10% | 40% | 3.000 |
| **LV** | 73% | 1.5% | -16% | 40% | 0.67 | 13.4% | 34-36% | 121.000 |
| **MT** | 62.9% | 0.67% | 14% | 10% | 0.24 | 29% | 33% | 6.560 |
| **NL** | L-ebda mira fil-PNR | L-ebda mira fil-PNR | 1% | 14% | L-ebda mira fil-PNR | It-tnaqqis tan-numru għal 25 000 (= it-tnaqqis għal 9 %) | L-ebda mira fil-PNR | L-ebda mira fil-PNR |
| **PL** | 71% | 1.7% | 19% | 15% | 13.6 | 4.5% | 45% | 1.500.000-2.000.000 |
| **PT** | 75% | 2.7-3.3% | -17% | 31% | L-ebda mira fil-PNR | 10% | 40% | 200.000 |
| **RO** | 70% | 2% | 4% | 24% | 10 | 11.3% | 26.7% | 580.000 |
| **SE** | 80% | 4% | 13% | 49% | L-ebda mira fil-PNR | 10% | 40-45% | L-ebda mira fil-PNR |
| **SI** | 75% | 3% | 17% | 25% | L-ebda mira fil-PNR | 5.1% | 40% | 40.000 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SK** | 71-73% | 0.9-1.1% | 5% | 14% | 1.08 (għall-użu finali biss) | 6% | 30% | 170.000 |
| **UK** | L-ebda mira fil-PNR | L-ebda mira fil-PNR | -16% | 15% | L-ebda mira fil-PNR | L-ebda mira fil-PNR | L-ebda mira fil-PNR | Mira dwar il-faqar fost it-tfal diġà eżistenti |
| **Stima tal-UE** | **72.4-72.8%** | **2.7-2.8%** | **-20%** **(meta mqabbla mal-livelli tal-1990)** | **20%** | **inqas minn 10 %** | **10.5%** | **37.3%** | |
| **Mira ewlenija tal-UE** | **75%** | **3%** | **-20%** **(meta mqabbla mal-livelli tal-1990)** | **20%** | **żieda ta' 20 % fl-effiċjenza tal-enerġija** | **10%** | **40%** | **20.000.000** |